# L-E.T. Monsinjur Isqof Annetto Depasquale

**B.A. Lic. D, J.C.D.**

*Isqof Titulari ta' Aradi • Isqof Awżiljarju • Vigarju Ġenerali*

*28.06.1938 - 29.11.2011*

Tagħrif minn Carmelo Bianchi

L-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Isqof Annetto Depasquale hu isqof imżejjen b'oċean ta' għerf, umiltà kbira, dejjem bit-tbissima fuq wiċċu, karitattiv, isellem lil kulħadd u dejjem lest li jgħin lil dawk kollha li jinħtieġu l-ghajnuna tiegħu. Mhux ta' b'xejn kien wisq maħbub minn ħutu l-Qormin u minn kull min kien jafu. Kien isqof li jgawdi rispett kbir.

Monsinjur Isqof Annetto Depasquale kien rigal imprezzabbli mhux biss għall-familja Depasquale, imma wkoll ta' ġieħ kbir għall-Belt Pinto u għall-Qormin. Ma tistax ma tħobbux u ma tirrispettahx. Bil-kariżma li Alla għoġbu jżejnu biha, mal-ewwel darba li tiltaqa' miegħu, jisirqek f'sens ta' mħabba u dlonk tinġibed lejh. L-Isqof Annetto, kien den kbir għas-saċerdozju, kif ukoll ta' unur kbir għad-Djoċesi Maltija. Saċerdot twajjeb u mimli b'kull grazzja ta' Alla.

## Twelidu

Monsinjur Isqof Annetto kien l-ewwel wild fost disa' aħwa, (Maria, Joe, Anton, George, Giovanni, Carmel, Paul u Ġemma) ulied is-Sur Eddie (Edgardo Vincenzo Depasquale) u s-Sinjura Teddie (Grazzja neè Coleiro). Dun Nett, kif kien magħruf mill-Qormin, twieled qabel is-sebħ, fit-tlieta neqsin kwart, lejlet l-Imnarja, nhar it-Tlieta, it-28 ta' Ġunju tas-sena 1938.

## Il-Magħmudija

Il-Kappillan Dun Anton Vella, għammed lil Dun Nett fil-Knisja ta' San Ġorġ, f'Ħal Qormi sitt ijiem wara t-twelid tiegħu jiġifieri nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju 1938. Il-parrini kienu tnejn min-nanniet tat-tarbija – is-Sur Ġużeppi Coleiro u s-Sinjura Dolor (armla) Depasquale. Fil-magħmudija tawh l-ismijiet: Annetto, Kalċidon, Ġużeppi, Karmenu, Ġorġ.

## Id-Dar tal-Familja Depasquale

Il-ġenituri ta' Annetto, is-Sur Eddie u s-Sinjura Teddie, wara li għammduh għamlu riċeviment għall-qraba u l-ħbieb tal-familja. Dan ir-riċeviment kienu għamluh fid-dar tagħhom stess, il-Ħadd 3 ta' Lulju 1938 fis-7.00 ta' filgħaxija. Tajjeb li ngħid li dak iż-żmien, in-numru tad-dar tagħhom kien 130, Strada Reale, Curmi.

Fil-Biografija li kiteb il-Bravu Kanonku Ġwakkin Schembri jgħidilna: "Fi Triq il-Kbira, li dari kienet magħrufa bl-isem dinjituż, Strada Reale San Giorgio, Monsinjur Isqof Annetto, twieled u għex f'din id-dar. Dik, id-dar, spazzjuża u arjuża, imżejna u b'riħet iż-żahar tal-larinġ, kien bnieha, kif inhi llum is-Sur Nett fl-1905. Tixhed il-maestrija ta' bennej mustaċċun – l-Imgħallem Ġużeppi Scicluna (Tas-Siggiurja)."

Il-Kanonku Ġwakkin Schembri jgħidilna wkoll, li n-numru tal-bieb kien 112 (mill-1905 sal-1919), 130 (mill-1919 sal-1939), 132 (mill-1939-1951), u 115 (mill-1951 'il hawn).

Din id-dar, rat titrabba fiha familja nisranija u tabilħaqq numeruża. Rat ukoll jgħix fiha għall-ewwel darba minn nhar it-13 ta' Jannar, 1980 lill-Monsinjur Isqof Annetto, Dinjitarju tal-Knisja Metropolitana ta' Malta. Żgur li lkoll minn qalbna nixtiequ, fi kliem ir-ritwal, "il-paċi lil din id-dar u lil kull min jgħammar fiha."

Meta l-Kanonku Ġwakkin Schembri kiteb il-biografija dwar l-Isqof Annetto, l-Eċċellenza Tiegħu, kien għadu ħaj mimli bil-għomor.

## Tfulitu

Dun Nett trabba f'ambjent reliġjuż u ta' tjubija kbira. Ma setax dan is-saċerdot ma jixrobx l-aqwa ilma safi. It-tjubija li sqewh il-ġenituri tiegħu, ma setax ma jinbitx fih, il-ħajra għas-saċerdozju.

Dun Annett ta' ħames snin għamel l-ewwel tqarbina tiegħu fil-knisja ta' San Ġorġ, nhar il-25 ta' Lulju 1943, u sentejn wara għamel il-Griżma tal-Isqof f'Ġunju 1945.

Ma' missieru s-Sur Eddie, Dun Nett kien jattendi l-Azzjoni Kattolika, jew aħjar kif kien magħruf Ċirkolu San Stanislaw Kostka. Niftakar tajjeb is-Sur Eddie, kemm kien jiġi f'dan iċ-ċirkolu jagħti daqqa ta' id, u l-għaxqa tiegħu jara t-tfal Qriema miġburin fih. Tajjeb li ngħid ukoll li Monsinjur Isqof Annetto kien bravu ħafna fil-logħba taċ-*chess*.

Ma nixtieqx ninsa li nsemmi, li kienu jlibbsuh ta' abbati fil-kappella ċkejkna tas-Sorijiet Agostinjani ddedikata lill-Madonna ta' Pompej, ftit passi 'l bogħod mid-dar tagħhom, u spiss kien jgħin lil Dun Gejt Cassar fil-ħin tal-quddiesa.

## It-Telfa ta' Missieru

Is-Sur Eddie kien raġel twajjeb, missier ta' familja numeruża, kien fuq kollox ta' eżempju mill-aqwa. Ix-xogħol li bih kien jaqla' l-għixien biex imantni l-familja kien dak ta' skrivan id-*dockyard*. Is-Sur Eddie twieled nhar l-14 ta' Settembru 1909 u ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar it-22 ta' Mejju, 1959.

## Tifel tal-Iskola

Sa minn età żgħira, Nettu kien imur l-iskola. Il-ġenituri tiegħu raw li moħħu, għall-grazzja ta' Alla kien tajjeb ħafna. Kellu tajjeb min jisħaq fuqu. Missieru kif għedna aktar qabel kien skrivan u ommu, sa qabel ma żżewġet, kienet għalliema.

Mingħand is-Sorijiet tas-*Saint Joseph*, Annetto għadda għal-Liċeo. Hemmhekk ukoll, klassi wara oħra, sena wara oħra, Annetto fl-eżamijiet tiegħu kien jiġi l-ewwel, u kien ikaxkar miegħu tista' tgħid, kull premju li jingħata għal kull suġġett. Kien ġie l-ewwel saħansitra fil-Matrikola, u f'Ottubru tas-sena 1954 beda l-kors ta' studji għolja fl-Università Rjali ta' Malta, fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta.

Daħal ukoll, fl-istess żmien, f'Ottubru tal-1956, fis-Seminarju tal-Kbar, il-Furjana. Hemm beda jħejji ruħu għas-saċerdozju.

## Student Universitarju

Fl-Università ta' Malta, Annetto ħa tliet korsijiet: Il-letteratura, il-Filosofija, u t-Teoloġija. Dawn is-suġġetti jfissru sigħat twal ta' studju, b'ħafna sagrifiċċji u saħriet fuq il-kotba. Ma ninsewx li barra dan l-istudju fl-Università, Annetto kien ukoll seminarista, u kien irid ilaħħaq mal-istudju tas-Seminarju. Annetto, Alla jbierku, qatt ma qata' qalbu, għax l-istudju kien iħobbu u jieħdu bl-akbar serjetà. Dejjem kien jiġi l-ewwel, iżda ma ftaħar qatt. U kiseb b'hekk, hawn Malta, dawn il-gradi akkademiċi: il-B.A. (fl-1958), il-B.D. (fl-1960), il-Lic. D. (fl-1962).

## Saċerdot

Dun Annett kien ordnat saċerdot f'riġlejn Monsinjur Arċisqof Michael Gonzi, fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta nhar is-7 ta' April 1962. Min jista' jfisser il-ferħ kbir f'dak il-ħin solenni tal-ordinazzjoni tal-ewwel quddiesa tiegħu? M'għandi l-ebda dubju, li dan is-saċerdot novell, b'liema ħerqa talab għar-ruħ għażiża ta' missieru li ma kellux jilħaq l-ordinazzjoni ta' ibnu għal tliet snin.

L-ewwel quddiesa solenni fil-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi kienet nhar id-29 ta' Lulju, 1962. Fuq wara tas-santa tat-tifkira tal-ordinazzjoni tiegħu u tal-ewwel quddiesa solenni, Dun Annett għażel talba sabiħa li ħarġet mill-qalb tal-Papa Piju XII għas-saċerdoti.

## Illawrjat

F'dik l-istess sena, jiġifieri 1962, fi tmiem it-tmien sena tal-kors universitarju, ħa l-premju li l-gvern kien jagħti lil dak l-istudent li jiġi l-ewwel fil-Fakultà tat-Teoloġija – somma flus biex biha jkompli studji iżjed għolja f'Università barra minn Malta. F'Ruma fis-sena 1963, Dun Annett speċjalizza fil-Liġi Kanonika: iggradwa Avukat fil-kawżi tal-Knisja. Tul dawn l-erba' snin fl-Università tal-Lateran kiseb dawn il-lawrji:

- il-J.C.B. (fl-1964);
- il-J.C.L. (fl-1965);
- il-J.C.D. (fl-1967).

It-teżi li kiteb Dun Annetto, iġib l-isem, *Ecclesiastical Immunity and the Powers of the Inquisitor in Malta (1777-1785)*. Din it-teżi hi stampata fi ktieb fl-1968. B'din it-teżi, Dun Annett kiseb il-Lawrja J.C.D., bl-unuri kollha, mill-Università tal-Lateran f'Ruma, li tatu s-setgħa li jkun magħruf bħala Rev. Dr. Annetto Depasquale. Ħajr minn qalbi lill-Mons. Annett li kien irregalali kopja ta' din it-teżi, iffirmata hekk: *Il-Ħabib tiegħi Carmel Bianchi*, Annetto Depasquale 22.02.1980.

## Professur

Hekk kif Dun Annett temm l-istudji f'Ruma, fis-sajf tal-1967 u ppubblika wkoll it-teżi fis-sajf ta' sena wara, l-Università Rjali ta' Malta, fil-Ħarifa tal-1968 stess, ħatritu fost il-professuri u *lecturers* li għandha fi tnejn mill-fakultajiet tagħha f'Tal-Qroqq. Dik tat-Teoloġija u dik tal-Liġi. Matul dawn l-aħħar ħdax-il sena, minn taħt idejh għaddew studenti li laħqu saċerdoti u oħrajn iggradwati avukati.

## Ħidma Intelletwali

Baqa dejjem jistudja għax kien ħabib kbir tal-kotba. Fis-sajf, kien jattendi konferenzi internazzjonali tal-istudjużi fl-Italja u bnadi oħra. Kien jikteb artikli biex jidhru fir-rivista pastorali u ta' studju għoli, filwaqt li jipprepara wkoll il-*lectures* li jmur jagħti lill-istudenti f'Tal-Virtù u f'Tal-Qroqq.

## Kanċellier u Ħidma Pastorali

Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca afdalu f'idejh waħda mill-karigi għoljin fil-Knisja ta' Malta, dik ta' Kanċillier fil-Kurja, f'din l-Arċidjoċesi.

Bejn is-snin 1967 u 1977 kien attiv ħafna fil-*Pastoral Research Services* tal-Kurja Maltija, u fl-1977 inħatar ukoll bħala r-Rappreżentant tal-Arċisqof Mercieca fil-Kunsill għall-Appostolat tal-Lajċi. Hu wkoll kien wieħed mill-membri tal-Kunsill Presbiterali.

Dun Annett kienet l-għaxqa tiegħu jamministra s-sagramenti. Araħ iqarar f'xi rokna tas-sagristija, iqarben il-morda nhar ta' xogħol, u oħrajn il-Ħadd filgħodu. Ħafna koppji kienu jitolbuh iżewwiġhom.

Kienet inizjattiva tiegħu wkoll il-ftuħ tal-Librerija Parrokkjali. Kien jagħmel il-laqgħat għax-xebbiet tal-*Legion of Mary*, u jagħti l-konferenzi lill-ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika. Għall-Kattoliċi Ingliżi għamel żmien iqaddsilhom waħda *extra* f'parroċċa oħra. Kien ukoll iqaddes fil-*garage* li kien fl-inħawi ta' qrib il-Vitorja.

Nhar il-Ħadd 13 ta' Jannar, 1980, Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca tah il-ġieħ ta' Monsinjur tal-Katidral.

## It-Telfa ta' Ommu

Kien il-25 ta' Novembru 1989 lis-Sinjura Maria Gracia, marret tingħaqad mal-Mulej. Għall-Monsinjur Annetto, il-mewt ta' ommu kienet telfa kbira ħafna. Min ma jħobbx lil ommu? Hu biss kien jaf x'teżor kbir kien tilef. Is-Sinjura Maria Gracia twieldet nhar l-24 ta' April, 1911.

## Maħtur Isqof

Kien is-Sibt 2 ta' Jannar, 1999, li Monsinjur Annetto Depasquale għamel l-Ordinazzjoni Episkopali fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta. M'għandniex xi ngħidu kemm Qriema attendew għal din iċ-ċerimonja.

Kien jixraq ukoll, li Monsinjur Isqof Annetto, jagħmel il-Quddiesa Solenni fil-Knisja Arċipretali u Matriċi ta' San Ġorġ Ħal Qormi. Din kienet nhar il-Ħadd 17 ta' Jannar 1999. Kif kien xieraq tassew, il-Kleru flimkien mal-Qriema jagħmlulu festa u taw merħba sabiħa lil dan l-iben ġenju tagħha. Mal-faċċata tal-knisja, kien imwaħħal *banner* kbir bi kliem stampat ta' tifħir lill-Isqof Qormi Annetto Depasquale. Kif tista' ma tifraħlux!

Għal din l-okkażjoni, ma nqastx li nikteb u ninseġ poeżija, b'ward magħżul mill-ġnien ta' qalbi. Din il-poeżija għammidtha bl-isem: *L-E.T. Monsinjur Annetto Depasquale*.

## Ġieħ Ħal Qormi

L-ogħla ġieħ li l-Kunsill Lokali tal-Belt Pinto jista' jagħti, huwa dak ta' Ġieħ Ħal Qormi. Dan l-unur jingħata ġeneralment f'attività mtellgħa minn dan il-Kunsill biex ifakkar Jum Ħal Qormi li jkun iċċelebrat fil-25 ta' Mejju. Dan il-Kunsill ma naqasx li jonora lil dan il-bravu Qormi Monsinjur Isqof Annetto Depasquale. L-ogħti ta' dan l-unur ġie mogħti lilu u ppreżentat mill-Wisq Rispettabbli Sindku ta' dak iż-żmien, is-Sur Clyde Puli MA BA MCIPR MIM M.P. fis-sena 2000.

## Maħkum minn Marda Kiefra

Għalkemm l-Eċċellenza Tiegħu kien maħkum minn marda, li sa llum mhix spjegabbli biżżejjed fil-qasam tal-mediċina, bl-isforzi kbar tiegħu rnexxielu jirkupra. Verament li kaġun ta' hekk, kontra qalbu kellu jinfatam minn ħafna funzjonijiet u ċerimonji. Fosthom li jamministra l-Griżma tal-Isqof f'diversi parroċċi. Għall-grazzja tal-ħanin Alla, il-menti u l-memorja baqgħu tajbin.

## Għalaq Għajnejh għad-Dinja

Kien xokk tassew kbir għall-familja Depasquale, il-jum tat-Tlieta, 29 ta' Novembru 2011. F'dan il-jum l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Isqof Annetto għalaq għajnejh għad-dinja u mar jitgħannaq mal-Mulej fl-eternità.

Kulħadd tbikkem u mtela b'dieqa kbira għall-aħbar tal-mewt tiegħu. Kulħadd ħass għafsa ta' qalb għalih. Kien isqof verament maħbub, minn kull min kien jafu. Kulħadd kien jaf il-kwalitajiet sbieħ li l-Mulej żejnu bihom.

Bil-mewt tiegħu, mhux biss il-familja tiegħu tilfu teżor imprezzabbli, imma l-Qormin, u kull min kien jafu, u fuq kollox, id-Djoċesi Maltija.

## Jingħata l-Aħħar Tislima

L-għada tal-mewt tiegħu, il-katavru ta' Monsinjur Annetto Depasquale ngarr b'korteo mid-dar tiegħu għall-Knisja Arċipretali u Matriċi ta' San Ġorġ biex jingħata l-aħħar tislima fil-belt fejn għex, trabba u miet fiha. Għadd kbir ta' nies, sa minn kmieni ngabru biex isellmu għall-aħħar darba lil dan il-bniedem. Kemm memorji tiegħu smajthom jiġu rrakkontati minn fost dawk li ġew isellmulu. Il-ġisem bla ħajja ta' Monsinjur Annetto Depasquale ddaħħal għall-aħħar darba fil-Konkatidral ta' San Ġwann (il-post fejn ċertament ta' spiss kien jiffrekwenta f'okkażjonijiet differenti) il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2011, għall-funeral tiegħu. Il-quddiesa tmexxiet minn Monsinjur Arċisqof Pawlu Cremona O.P. flimkien ma' għadd kbir ta' monsinjuri, kanonċi, saċerdoti u reliġjużi. Wara l-quddiesa, il-funeral tkompla taħt forma privata kif kien mixtieq mill-familjari tiegħu. Monsinjur Annetto Depasquale ġie midfun fil-qabar tal-istess familja f'Diviżjoni l-Lvant (*East*), Sezzjoni HA Compartimento D. Numru 11. Monsinjur Annetto Depasquale huwa l-286079 katavru li hu midfun fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata.

## Tifkiriet ta' Monsinjur Annetto Depasquale

L-E.T. l-Isqof Annetto Depasquale, fit-testment tiegħu għax verament iħobb il-Parroċċa Ġorġjana, ħalla u diġà ngħataw lilha, il-kalċi (riċentament indurat ftit jiem qabel mewtu), paramenti sagri u oġġett oħra.

**Referenzi:**

Kan. Ġwakkin Schembri: *L-E.T. Mons. Isqof Annetto Depasquale*.

Ħajr minn qalbi wkoll lis-Sinjorina Ġemma Depasquale, kif ukoll lis-Sur Saviour Laferla.